**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1336/2023**

**GATT JESUS MARY (KI 593564M)**
**SCICLUNA MARY-LOUISE (KI 690159M)**
**VELLA JOSEPH (KI 65862M)**
**VELLA EMANUEL (KI 35561M)**
**VELLA MARY (KI 343964M)**
**VELLA JOSEPHINE MARY (KI 412666M)**
**ATTARD BRIAN (KI 371287M)**
**ATTARD DYLAN (KI 313089M)**
**GATT LOUISE (KI 431958M)**
**GATT MARIA TERESA (KI 68062M)**

**VS**

**GATT PAUL (KI 402859M)**
**MANGION ANNA (KI 46961M)**
**FARRUGIA JOSEPHINE (KI 41873M)**
**U B'DIGRIET TAT-23 TA' JANNAR 2024 ĠEW MAĦTURA**
**L-AV DR MATTIA FELICE**
**U L-PROKURATUR LEGALI QUENTIN TANTI**
**BĦALA KURATURI DEPUTATI SABIEX JIRRAPPREŻENTAW LILL-ASSENTI**
**JOSEPHINE VASSALLO, THOMAS VASSALLO,**
**LOUIS G. VASSALLO U RAYMOND G. VASSALLO**
**RESIDENTI L-ISTATI UNITI TAL-AMERKA**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 13 ta' Frar 2025**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba sabiex jiġi awtorizzat il-bejgħ tal-fond bin-numru 24, Triq il-Profs Anton Tabone, Birżebbuġa, fit-termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2023, **<u>Jesus Mary k/a Jesmond Gatt et</u>** ippremettew:

    a. *Illi r-rikorrenti jinsabu fl-istat ta' ko-proprjetarju* (sic) *tal-fond numru 24, Triq il-Profs Anton Tabone, f'Birżebbuġa, liberu u frank, bi drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu u nkluż l-arja tiegħu libera;*

    b. *Illi l-atturi m'humiex il-proprjetarji totali inkwantu li hemm persuni oħrajn li huma sidien iżda ma ffirmawx il-konvenju datat 25 ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) anness u mmarkat 'Dok A';*

    c. *Il-partijiet f'din il-kawża huma kollha suċċessuri fit-titolu tal-proprjeta' li ġejja miz-zija tagħhom xebba Catherine Camilleri, u li diġa' biegħu proprjeta' oħra fl-atti tan-nutar Dr Joseph Smith La Rosa u li qed jiġi anness ma' dan ir-rikors 'Dok B';*

    d. *Illi din il-proprjeta' msemmija fil-konvenju, ilha miżmuma flimkien mal-werrieta kollha sa mis-sena elfejn u tmintax (2018), u cioe mis-sena tal-mewt taz-zija tagħhom;*

    e. *Illi minkejja saru interpellazzjoni* (sic) *permezz ta' email mibgħuta mill-avukat tal-atturi sabiex persuni li qed jirresjedu fl-Amerka, jagħtu l-kunsens tagħhom għall-bejgħ, din l-istess komunikazzjoni qatt ma twieġbet. Għalhekk l-unika kuntatt li seta' kien hemm, irriżulta fin-negattiv. Anness u mmarkat 'Dok C';*

f. *Illi l-atturi daħlu f’konvenju ma’ wieħed mill-qraba tagħhom li huwa Jesus Mary magħruf bħala Jesmond Gatt, sabiex jixtri dan il-post, bi tnejn u erbgħin metru kwadru (42 sqm) għal prezz ta’ tnejn u sebgħin elf ewro (72,000 Ewro) liema prezz ġie stabbilit minn perit li ssorvelja l-post u niżżel xi ħsarat hemm fl-istess post. Konvenju ġa mmarkat Dok A u r-rapport tal-Perit immarkat ‘Dok D’;*

g. *Dan il-prezz huwa ġust u jirrifletti l-valur tas-suq u kif ukoll jirrifletti ċ-ċokon tal-istess post;*

h. *Illi dan l-istess konvenju konkluż ma huwa ta’ ebda preġudizzju għall-intimati kollha li ma ffirmawx;*

3. Għaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. *Tawtorizza l-bejgħ tal-fond uffiċjalment numerat 24, Triq il-Profs Anton Tabone, Birżebbugia, bil-prezz, pattijiet u kundizzjonijiet oħra stipulati fil-konvenju datat 25 ta’ Awissu elfejn u tlieta u għoxrin (2023) kif maqbul bejn il-partijiet bejniethom;*

ii. *Tiffissa ġurnata, ħin u lok għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ bejgħ tal-imsemmija proprjeta’;*

iii. *Tinnomina lin-Nutar Jean Carl Debono sabiex jippubblika l-att relattiv tal-bejgħ tal-proprjeta’ inkwistjoni;*

iv. *Li r-rikavat mill-bejgħ tal-istess post, l-ishma li ma jkunux preżenti għall-kuntratt jiġu depożitati l-qorti minn nutar wara li jitnaqqsu l-ispejjeż ta’ din il-kawża magħmula mill-attur;*

v. *Taħtar kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq l-att relattiv tal-imsemmija proprjeta’;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

4. Permezz ta' digriet mogħti fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Novembru 2023, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar it-Tlieta, tletin (30) ta' Jannar 2024, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimati, illi ngħataw għoxrin (20) jum biex jirrispondu skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

5. Permezz ta' digriet mogħti fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar 2024, ġew nominati l-Avukat Dr Mattia Felice u l-PL Quentin Tanti bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Josephine Vasallo, Louis Vassallo, Raymond Vassallo u Thomas Vassallo. Dan wara r-rikors preżentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat odjern;

6. Permezz ta' risposta datata disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2024, l-**<u>Avukat Dr Mattia Felice u l-Prokuratur Legali Quentin Tanti</u>** fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Josephine Vassallo, Thomas Vassallo, Louis G Vassallo u Raymond G Vassallo, residenti fl-Istati Uniti tal-Amerika:

    a. *Illi fl-ewwel lok jinħtieġ jiġi aċċertat jekk Jesus Mary Gatt (KI 593564M) jistax ikun attur f'din il-kawża u fl-istess waqt ikun il-persuna li magħha l-maġġoranza tal-komproprjetarji għamlu konvenju sabiex lilu jiġi mibjugħ il-fond de quo;*

    b. *Illi fit-tieni lok, dina l-Onorabbli Qorti għandha tara li l-komproprjetarji minoritarji mhux ser jiġu preġudikati mill-bejgħ, partikolarment billi taċċerta li l-prezz miftiehem għall-bejgħ tal-fond de quo mill-maġġoranza tal-komproprjetarji huwa wieħed verosimili, ġust u skont il-kundizzjonijiet fuq is-suq miftuħ;*

    c. *Illi jinħtieġ li l-atturi jġibu l-aqwa prova in sostenn tal-fatti minnhom dikjarati fir-Rikors promotur, inkluż li ma hemm l-ebda kuntatt ma' Josephine Vassallo, Thomas Vassallo, Louis G Vassallo u Raymond G Vassallo;*

d. *Illi f'dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rappreżentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdulhom kull informazzjoni li jista' għandhom dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk għandhom informazzjoni oħra, oltre dik diġa' provduta fir-rikors ġuramentat;*

e. *Salvi jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti **Jesus Mary Gatt et** datat tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2023, u d-dokumenti annessi miegħu, cioe: (a) il-konvenju datat 25 ta' Awissu 2023 (**Dok A** a fol 6 *et seq* tal-proċess); (b) kuntratt ta' bejgħ ta' proprjeta' fiż-Żurrieq tal-istess Zija Camilleri (**Dok B** a fol 10 *et seq* tal-proċess); (c) *e-mail* mibgħuta minn Dr Sean Apap Meli dwar l-eventwali bejgħ u korrispondenza oħra (**Dok C** a fol 18 *et seq* tal-proċess); (d) Rapport tal-Perit dwar il-kundizzjoni tal-post u l-valur (**Dok D** a fol 32 *et seq* tal-proċess); u (e) il-kunsens tal-bejjiegħa li jridu jsir il-bejgħ u l-ishma li kull proprjetarju huwa dovut (**Dok E** a fol 48 *et seq* tal-proċess);

8. Reġgħet rat id-digriet datat tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar 2024 illi permezz tiegħu ġew nominati l-Av Dr Mattia Felice u l-PL Quentin Tanti bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Josephine Vassallo, Louis Vassallo, Raymond Vassallo u Thomas Vassallo residenti fl-Istati Uniti fl-Amerka;

9. Rat in-nota tar-rikorrenti datata ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar 2024 illi permezz tagħha r-rikorrenti informaw lill-Qorti illi l-konvenuti Paul Gatt, Anna Mangion u Josephine Farrugia ffirmaw il-konvenju mal-attur u qablu

li jbiegħu s-sehem tagħhom, b'dana għalhekk il-persuni il ma ridux ibiegħu huma kollha persuni li ma jirrisjedux Malta;

10. Rat ir-risposta ġuramentata tal-**Av Dr Mattia Felice et noe** datata disgħa u għoxrin (29) ta' Jannar 2024;

11. Rat l-affidavit tal-**Perit Neil Attard**, immarkat **Doc A** a fol 121 tal-proċess, u l-*Property Valuation Report* minnu redatt u mmarkat **Dok B** a fol 122 *et seq* tal-proċess;

12. Rat id-digriet mogħti nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2024, illi permezz tiegħu laqgħet it-talba ta' Dr Mattia Felice, fil-kwalita' tiegħu ta' kuratur deputat, sabiex jinħatar Espert Tekniku, u dan stante illi *ictu oculi* l-prezz indikat fil-konvenju u fir-Relazzjoni Peritali kien jidher baxx. Il-Qorti ħatret għal dan il-għan lill-Perit Konrad Xuereb, u ordnat illi jiġi valutat il-fond mertu tal-kawża fis-suq miftuħ fid-data ta' meta sar il-konvenju datat 25 ta' Awwissu 2023, a spejjeż provviżorjament tal-intimat kuratur;

13. Rat in-nota ta' Dr Mattia Felice u l-PL Quentin Tanti, fil-kwalita' tagħhom ta' kuraturi deputati, illi permezz tagħha rtiraw it-talba għall-ħatra ta' Perit Tekniku magħmula minnhom waqt is-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 2024, in vista tal-fatt li l-assenti Josephine Vassallo, Thomas Vassallo, Louise G Vassallo u Raymond G Vassallo naqsu milli jikkomunikaw lilhom il-qbil tagħhom ma' tali talba u l-konferma li ser ikunu qed jagħmlu tajjeb proviżorjament għall-eventwali spejjeż konnessi mal-istess;

14. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-**Perit Neil Attard**, mogħtija waqt is-seduta tas-sbatax (17) t'Ottubru 2024[1];

15. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2024;

16. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

[11] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 161 *et seq* tal-proċess

17. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

18. Il-kawża odjerna ġiet intavolata ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn huwa stabbilit illi:

> *495A. (1) Salv meta jkun hemm kondominju jew stat ta' indiviżjoni forzata, meta xi ħaġa tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin u ħadd mis-sidien ma jkun beda azzjoni quddiem xi qorti jew tribunal ieħor għall-qsim tal-proprjetà li tkun qed tinżamm in komun, u l-komproprjetarji jonqsu milli jiftiehmu dwar il-bejgħ ta' xi proprjetà partikolari bejniethom, il-qorti għandha, jekk tkun sodisfatta li ħadd mill-komproprjetarji dissidenti ma jkun gravament preġudikat b'dak li tordna, tawtorizza l-bejgħ skont ma jkun jixtieq l-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu.*
>
> *(2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijiet li taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.*
>
> *(3) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-komproprjetarji kollha li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ kif ukoll lill-kuraturi*

*li jiġu maħtura mill-qorti biex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab. Ir-reġistratur għandu jara li kopja tar-rikors tiġi pubblikata fil-Gazzetta u f'ġurnal wieħed ta' kuljum.*

*(4) Dikjarazzjoni li xi komproprjetarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti.*

*(5) Il-komproprjetarji l-oħra kif ukoll il-kuraturi jistgħu, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika li ssirilhom tar-rikors, jew fil-każ ta' komproprjetarju li ma jkunx ġie notifikat bir-rikors fi żmien għoxrin ġurnata mill-aħħar pubblikazzjoni msemmija fis-subartikolu (3), jopponu l-bejgħ billi jiddikjaraw x'ikun il-preġudizzju gravi li huma jew il-komproprjetarji li jkunu jirrappreżentaw jistgħu jbatu minħabba fil-bejgħ.*

*(6) Meta tiġi biex tivvaluta jekk ikunx hemm xi preġudizzju serju għal xi wieħed mill-komproprjetarji, il-qorti għandha tqis kull fattur rilevanti inkluż il-valur tal-proprjetà u l-prezz tal-bejgħ, u tista' għal dak il-għan tordna li ssir stima tal-proprjetà skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 306 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*(7) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar ir-rikors, u jekk tiddeċiedi li għandu jsir il-bejgħ, din għandha tistabbilixxi x'ikun il-prezz jew korrispettiv ieħor għal dak il-bejgħ u għandha iktar minn hekk –*

*(a) tistabbilixxi l-ħin, il-jum u l-post, meta u fejn għandu jsir it-trasferiment;*

*(b) meta l-bejgħ ikun ser isir permezz ta' att pubbliku, taħtar nutar biex jippubblika l-att;*

*(ċ) taħtar kuratur, ukoll minn fost il-komproprjetarji nfushom, sabiex jirrappreżenta lil min mill-komproprjetarji jonqos milli jidher quddiem in-nutar għall-kuntratt jew istrument ieħor ta' trasferiment.*

*(8) Il-qorti tista', billi jsirilha rikors minn xi parti li jkollha interess, tibdel il-jum, il-ħin jew il-post fejn ikun ser isir it-trasferiment.*

*(9) Jekk ikun hemm aktar minn komproprjetarju wieħed li jopponi jew f'każ li l-qorti tkun ċaħdet ir-rikors skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (7), il-qorti tista', minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-artikolu, tordna l-bejgħ tal-beni b'liċitazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 521 u 522.*

19. Din il-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

20. Ai termini tal-Artikolu 495(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandhom jiġu sodisfatti tliet (3) kriterji sabiex tirnexxi kawża bħal dik odjerna:

   a. Il-proprjeta' trid tkun inżammet in komun għal iżjed minn tliet snin;

   b. Ma jrid ikun hemm l-ebda azzjoni quddiem Qorti jew tribunal għall-qsim tal-proprjeta';

c. Ix-xewqa illi l-proprjeta' tinbiegħ da parti tal-akbar għadd ta' komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li kull komproprjetarju jkollu;

d. Il-minoranza dissindenti ma jkunux ser jiġu gravament preġudikati bil-bejgħ tal-proprjeta';

21. Din il-Qorti rat illi fuq il-konvenju, ir-rikorrenti Mary-Louise Scicluna ma dehritx f'isimha proprju, iżda f'isem ommha Agnes Micallef, illi għaliha jappartjeni kwart indiviż (1/4) tal-proprjeta' mertu tal-kawża odjerna. Konsegwentement, in kwantu l-kawża odjerna ġiet premessa minn Mary-Louise Scicluna f'isimha proprju, ma tistax tirnexxi, u dan stante illi ma nġabet l-ebda prova illi sehem Agnes Micallef illum jappartjeni lil Mary-Louise Scicluna. Dan jirriżulta saħansitra anke mid-dikjarazzjoni ta' Mary-Louise Scicluna stess a fol 56 tal-proċess, illi fih tiddikjara illi hija taqbel mal-bejgħ tal-fond <u>għan-nom t'ommha Agnes Micallef</u>. Madanakollu, gialadarba r-rikorrenti Mary-Louise Scicluna mhix qed tidher fil-kawża odjerna għan-nom t'ommha, iżda f'isimha proprju, ma jistax jitqies illi sehem Agnes Micallef qed jiġi rappreżentat mir-rikorrenti fil-kawża odjerna;

22. Konsegwentement jirriżulta lil din il-Qorti illi r-rikorrenti ma jippossjedux bejniethom sehem maġġoritarju tal-fond mertu tal-kawża odjerna, iżda biss nofs indiviż (1/2), u dan fis-segwenti ishma:

- Kwart indiviż (1/4) minn Louise Emanuel Vella, Joseph Vella, Mary sive Miriam Vella, Josephine Mary sive Josette Vella, Brian Attard u Dylan Attard;

- Kwart indiviż (1/4) minn Anna Mangion, Josephine Farrugia, Jesus Mary sive Jesmond Gatt, Paul Gatt, Louise Gatt u Maria Theresa Gatt;

23. Fid-dawl tal-fatt illi mhumiex rappreżentati fil-kawża odjerna l-komproprjetarji kollha, u lanqas għandhom bejniethom il-maġġoritarju tal-fond mertu tal-kawża odjerna l-partijiet illi qed jaqblu mal-bejgħ, din il-Qorti

tqis illi ma jissussistux l-elementi rikjesti mill-Artikolu 459(1) tal-Kap 16, b'dana illi t-talba odjerna ma tistax tintlaqa'.

**Decide**

24. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talbiet rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu mir-rikorrenti *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Reġistratur**